# Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)

Pubblikazzjoni ta' post battal għall-funzjoni ta' Direttur Ġenerali

(Grad AD 15)

(Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2022/10417

**Min aħna**

L-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (Health Emergency Preparedness and Response Authority, HERA) hija stabbilita bħala Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-HERA se tirrapporta lill-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari. Tirċievi appoġġ amministrattiv mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DG SANTE) bl-arranġamenti definiti f'Memorandum ta' Qbil.

Eventwalment il-HERA se jkollha madwar 120 membru tal-persunal fil-modalità ta' operazzjoni normali. F'każ ta' emerġenza ddikjarata (modalità ta' kriżi), il-HERA tiġi msaħħa b'mod temporanju bl-ingaġġ ta' persunal addizzjonali.

Il-HERA għandha tassisti lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-tħejjija u r-rispons għal theddid transfruntier serju fil-qasam tal-kontromiżuri mediċi, partikolarment billi:

- issaħħaħ il-koordinazzjoni tas-sigurtà tas-saħħa fl-Unjoni bl-involviment tal-atturi rilevanti kollha matul iż-żminijiet tat-tħejjija u tar-rispons għall-kriżijiet, u billi tiġbor flimkien l-Istati Membri tal-UE, l-industrija u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fi sforz komuni;
- tindirizza l-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi strateġiċi fl-Unjoni relatati mal-iżvilupp, mal-produzzjoni, mal-akkwist pubbliku, mal-kumulazzjoni ta' riżerva ta' kontromiżuri mediċi u mad-distribuzzjoni tagħhom;
- tikkontribwixxi għar-rinfurzar tal-arkitettura globali għar-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa.

Il-HERA għandha tkun responsabbli għall-kompiti li ġejjin, li għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri:

- il-valutazzjoni ta' theddid għas-saħħa u l-ġbir tal-intelligence rilevanti għall-kontromiżuri mediċi;
- il-promozzjoni tar-riċerka avvanzata u tal-iżvilupp tal-kontromiżuri mediċi u tat-teknoloġiji relatati;
- l-indirizzar tal-isfidi tas-suq u ż-żieda tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni fil-produzzjoni tal-kontromiżuri mediċi;
- l-akkwist pubbliku rapidu u d-distribuzzjoni rapida tal-kontromiżuri mediċi;
- iż-żieda tal-kapaċità ta' kumulazzjoni ta' riżerva tal-kontromiżuri mediċi;
- it-tisħiħ tal-għarfien u tal-ħiliet fit-tħejjija u fir-rispons relatati mal-kontromiżuri mediċi.

Il-HERA hija assistita mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni, mill-Bord tal-HERA u mill-Forum Konsultattiv tal-HERA.

L-operazzjonijiet se jkunu ffinanzjati prinċipalment mill-programmi li ġejjin:

- il-programm l-UE għas-Saħħa
- il-UCPM/rescEU,
- il-Cluster tas-Saħħa ta' Orizzont Ewropa
- Fond Ewropew għad-Difiża

**X'qegħdin nipproponu**

Il-funzjoni ta' Kap tal-HERA (ikklassifikat bħala Direttur Ġenerali), li huwa responsabbli biex jieħu, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-miżuri kollha meħtieġa għall-funzjonament effiċjenti tal-HERA b'mod konsistenti mar-regolamenti fis-seħħ u l-awtorità ddelegata lilhom. Il-kompiti se jkunu dawn li ġejjin:

- jipprepara pjan strateġiku pluriennali għall-HERA u abbozz annwali tal-programm ta' ħidma għad-diversi oqsma ta' attività tal-HERA, filwaqt li jqis il-kalendarju taċ-ċiklu ta' programmazzjoni tal-programmi tal-Unjoni kontribwenti;
- jinnegozja u jikkonkludi l-akkwist pubbliku u kuntratti oħra relatati mal-kontromiżuri mediċi mal-partijiet terzi;
- bħala Uffiċjal Awtorizzanti b'Delega jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-HERA u għall-amministrazzjoni finanzjarja, b'rispett tal-governanza tal-programmi kontribwenti tal-Unjoni, b'mod partikolari EU4Health, Orizzont Ewropa u RescEU;
- jiddetermina l-organizzazzjoni interna tal-HERA, bir-restrizzjonijiet tal-baġit allokat lilha mill-awtorità tal-baġit;
- fi ħdan il-limiti tal-poteri delegati lilu, jeżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u lill-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti bil-kundizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea;
- jirrapporta regolarment lill-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari;
- imexxi l-bord tal-HERA.

**X'qegħdin infittxu (il-kriterji tal-għażla)**

Il-kandidati għandu jkollhom:

Ħiliet u esperjenza speċjalizzati:

- fehim tajjeb ħafna tal-politiki tas-saħħa u kwistjonijiet relatati;
- ħila eċċellenti li jiddefinixxi u jiffoka fuq prijoritajiet strateġiċi, jevalwa l-progress u jissorvelja l-implimentazzjoni;
- fehim tajjeb ħafna tal-ġestjoni tal-kriżijiet u kwistjonijiet relatati;
- esperjenza professjonali ppruvata f'qasam relevanti għal din il-pożizzjoni.

Ħiliet ta' ġestjoni:

- kapaċità ppruvata ta' ħsieb kreattiv u strateġiku sabiex tiġi ġġenerata viżjoni u politika ċara għad-Direttorat Ġenerali, filwaqt li jitqiesu l-eżiġenzi, ir-riżorsi u r-restrizzjonijiet, u filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettivi ġenerali tal-Kummissjoni;

- kisbiet b'saħħithom bħala mexxej, maniġer u komunikatur, li jinvolvu l-ġestjoni ta' timijiet kbar u ta' riżorsi finanzjarji f'livell għoli, u kapaċità li jidderieġi u jimmotiva Direttorat Ġenerali magħmul minn professjonisti kompetenti ħafna;
- esperjenza fl-ippjanar u l-amministrazzjoni effettivi tar-riżorsi umani u finanzjarji fuq livell maniġerjali għoli.

Kwalitajiet personali:

- Ħiliet interpersonali, ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' negozjar eċċellenti f'livell għoli (inkluż fl-isfera politika) u kapaċità tajba ħafna għall-komunikazzjoni effikaċi u effettiva mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-Kummissjoni u barra minnha, u għall-bini ta' relazzjonijiet ta' fiduċja magħhom, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-miktub u orali, u kapaċità ta' komunikazzjoni effettiva mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-HERA.

**Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)**

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet**:

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Grad jew diploma tal-università: il-kandidati jrid ikollhom:

  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' (4) snin jew aktar;

  - jew inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena (1) meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet (3) snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali wara l-gradwazzjoni[1] f'livell li għalih jagħtu aċċess il-kwalifiki msemmija hawn fuq.

- Esperjenza maniġerjali: mill-anqas 5 snin esperjenza professjonali wara l-gradwazzjoni jridu jkunu nkisbu f'funzjoni ta' ġestjoni ta' livell għoli[2].

- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[3] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Matul l-intervista/i, il-bordijiet tal-għażla se jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista, jew parti minnha, issir f'din il-lingwa l-oħra.

[1] L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati *pro rata*, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/parentali/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhD) huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, dment li d-dottorat ikun tlesta b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

[2] Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali, jenħtieġ li l-kandidati, fil-*curriculum vitae* tagħhom, jindikaw b'mod ċar: (1) it-titolu u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li kellhom; (2) in-numru ta' persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; kif ukoll (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

[3] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701

- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija ddefinita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tkun għalqet is-66 sena (ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolamenti tal-Persunal[4]).

**Għażla u ħatra**

L-għażla u l-ħatra se jsiru skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tal-Kummissjoni Ewropea (ara: Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Karigi Għolja[5]).

Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (Consultative Committee on Appointments, CCA) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkunu msejħa għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni tal-maniġment immexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni. Abbażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' valutazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista preliminari tal-kandidati li jqis li jkunu xierqa biex jaqdu l-funzjoni.

Il-kandidati fuq il-lista preliminari tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru(i) rilevanti tal-Kummissjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħatra.

Il-kandidat li jintgħażel irid ikun wettaq kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, jipproduċi r-referenzi tal-karattru adatti rigward l-idoneità tiegħu għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu u għandu jkun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Il-kandidat magħżul għandu jkollu, jew ikun f'pożizzjoni li jikseb, ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tiegħu. Approvazzjoni tas-sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara proċess ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tal-individwu, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li individwu jkun jista' jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura meħtieġa biex tinkiseb approvazzjoni tas-sigurtà biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm tingħata l-approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal mill-Istat Membru kkonċernat u titlesta l-proċedura ta' approvazzjoni flimkien mal-briefing obbligatorju legalment mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat mhux se jkun jista' jaċċessa l-Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla minnu, u lanqas ma jkun jista' jattendi laqgħat li fihom tali IKUE tkun qed tiġi diskussa.

4 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

5 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/compilation-of-the-senior-official-policy-at-the-european-commission_en.pdf (jeżisti biss bl-Ingliż)

**Opportunitajiet indaqs**

F'konformita mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni qed taħdem favur l-objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'kull livell tal-maniġment sa tmiem il-mandat attwali tagħha u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu lejn aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku ġenerali.

**Kundizzjonijiet tal-impjieg**

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat bħala uffiċjal fil-grad AD 15 . Il-kandidat jiġi kklassifikat skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fil-pass 1 jew il-pass 2 f'dan il-grad.

Jenħtieġ li l-kandidat li jintgħażel jinnota r-rekwiżit skont ir-Regolament tal-Persunal għall-persunal kollu ġdid li jwettaq perjodu ta' prova ta' disa' xhur b'suċċess.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell, il-Belġju.

**Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi**

Qabel ma jibda jaqdi dmirijietu, il-kandidat li jintgħażel se jintalab jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn biex jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjara kull interess, li jista' jitqies bħala li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

**Informazzjoni importanti għall-kandidati**

Infakkru l-kandidati li x-xogħol tal-bordijiet tas-selezzjoni huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom, u dan lanqas ma jista' jsir f'isimhom minn xi ħadd ieħor. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

**Protezzjoni ta' *data* personali**

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali data.

**Proċedura tal-applikazzjoni**

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha ("Kundizzjonijiet essenzjali"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma

[6] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, dan ikun ifisser li se tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan se jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea informata bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tas-CV tal-Europass[7], u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

**L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bl-email ma jiġux aċċettati.** Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, minħabba li traffiku tal-internet qawwi jew xi problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tintemm qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' ddaħħal iktar *data*. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

## Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija **t-30.11.2022, 12:00 nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

[7] Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv